# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 492/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Willy Aquilina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm810.00) rapprezentanti import ta' disa' (9) kambjali ta' Lm90 il-wahda, debitament accettati u

skaduti minn Settembru, 2000, sa’ Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa’ 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-30 ta’ April, 2001, jammontaw ghal Lm23, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-1 ta’ Novembru, 2000, u tal-21 ta’ Marzu, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha qed tirriduci t-talba bis-somma ta’ Lm341 imhallsa fil-mori tal-kawza u zzomm ferm il-bilanc, imghax u spejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta’ Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota

tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenut.